dawlfranġiskan



LEHEN
IL-KAPUĊĊINI
MALTIN

DOI
P. I
(DAT

L-GĦAXAR SENA GĦADD 98 MARZU 1990

"Ejjew u Araw!"


(Ġn.1:39)



Lawrenz Briffa OFMCap

Kristu kien għadu bilkemm ħareġ l-ewwel darba jxandar il-kelma ta' Missieru meta tnejn minn dawk li kienu ma' Ġanni l-Għammied rawh u saqsewh fejn kien joqgħod. Kristu wiġibhom: "*Ejjew u taraw!*" Iżda Kristu lil dawn it-tnejn, li wieħed minnhom kien Indri ħu Pietru, riedhom '*jaraw*' ħafna iktar ħwejjeġ milli biss '*fejn joqgħod*': u iktar milli biss '*jaraw*' riedhom jifhmu u jgħixu dak li jaraw.

Riedhom jaraw l-ewwelnett lilu, l-iben ta' Alla magħmul bniedem ħalli juri lill-bnedmin it-triq it-tajba; riedhom jaraw fih it-twettiq tal-wegħdiet tal-Missier; riedhom jaraw fih it-triq li twassal għand il-Missier; riedhom jaraw fih il-Feddej tagħhom; riedhom jaraw fih l-Imgħallem tagħhom; riedhom jaraw l-għamla ta' ħajja li kien jgħix bħala mera għalihom; riedhom jaraw it-tagħlim tiegħu; riedhom jaraw '*lilu*', għax meta l-bniedem jara lil Kristu, fih ikun jara kull ħaġa tajba li ma jsibha mkien ħlief fi Kristu.



Kristu lili wkoll qed igħidli l-ħin kollu '*Ejja u ara!*' X'iridni nara fih Kristu? U jien x'għandi x'nara fi Kristu? Fi Kristu nara kulma neħtieġ għall-ħajja tal-qdusija. Inħares lejn Kristu bħala Alla tiegħi, inħares lejh bħala bniedem, bħala l-Feddej tiegħi, inħares lejh ibati, igħallem, iċanfar, iwissi, iqawwi l-qalb, iħenn, jaħfer, iħobb, jitlob, igħid min hu, iżiegħel, jifraħ, jagħdab, imħeġġeġ, imbażża', imħasseb, jibki, jiekol, jixrob, imut, lqum mill-mewt. Dan li nara fi Kristu: dan li jrid jurini Kristu.

Dan kollu li nara fi Kristu huwa l-għamla ta' ħajja nisranija li għandi ngħix ħalli nkun nogħġbu u nkun ferħan u hieni. Qed inħares lejn Kristu bir-reqqa biżżejjed biex nara dan kollu fih? jew qed inħares lejh biss minn barra? Meta nħares lejn Kristu x'qed nara? l-irħama mnaqqxa? it-tila mlibbugħa? il-bronż? Jekk nara dan fi Kristu nkun agħma: inkun qed niftaħ għajnejja u ma nħaresx, jew inħares u ma narax, jew nara u ma nifhemx, jew nifhem u ma jkollix il-ħila nagħmel dak li nkun qed nifhem fi Kristu. Biex nara dak li tassew għandi nara fi Kristu m'għandix inħares lejh biż-żewġ għajnejn li għandi taħt ġbini, iżda għandi nħares lejh bit-tnejn il għandi f'qalbi: bit-Twemmin u bl-Imħabba. Jeħtieġ li nemmen, u li nemmen bil-qawwa kollha fi Kristu, fi kliemu, f'tagħlimu u f'imħabbtu. U hekk inkun nista' nara sew lil Kristu, nifhem x'inhu u min hu għalija, narah f'ħija li qed ibati u jeħtieġ l-imħabba tiegħi, u ngħix dak li nifhem minnu.

Jekk irrid ngħix il-qdusija tiegħi kif iridni nagħmel Kristu, jeħtieġ li nħares lejh biex nifhmu mhux biex narah, jeħtieġ nifhmu biex nisma' minnu mhux biex inżid l-għerf biss.

Jekk issa matul ħajti fuq din l-art inwieġeb bla qerq għall-istedina li qed jagħmilli Kristu "*Ejja u ara!*", wara dil-ħajja, meta nidher quddiemu, inkun nista' nilqa' l-istedina l-oħra li jagħmilli dak inhar ta' l-Aħħar Ħaqq, meta igħidli: "*Ejjew, imberkin minn Missieri...*"

X'inhu dak li għandi nara fi Kristu? Huwa Kristu nnifsu li waħdu jurini t-triq it-tajba tal-qdusija. ✠

F'DAN IL-GĦADD

Fil-Ġejjieni, aħna nemmnu...
Editorjal 2

Alla Għadu jsejjaħ...
Franco u Natanael iwieġbu
Leonard Falzon 3

Għalaqna Għaxar Snin
Ħarsa: minn Għaxar Snin ilu sallum
Direzzjoni 6

Il-Knisja u l-kwisjoni soċjali
❑ Il-Kattoliċiżmu Liberali [7]
Pubio Mair 9
Il-Vokazzjoni: *Sejħa bi Tweġiba*
Joe Giuliano 10

Fil-Missjoni tal-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja
*Ġrajjiet importanti fid-*Djoċesi *u l-*Kustodja
❑ Seminar għall-missjunarji f'ħidma pastorali fid-Djoċesi
❑ Superjuri Kapuċċini Ġodda fil-Kustodja
Segretarjat Missjoni 12

Subgħajh jikluh għall-kitarra
Karm Bezzina 14
Laqgħa ta' l-aħwa fl-O.F.S. nhar l-Epifanija
PRO ta' l-O.F.S. 15

Silvio Pellico u l-Konfessuri tiegħu
Arkanġlu Azzopardi 16

"Mulej, tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem"
Joe Buttiġieġ 18

Eku tat-Tifkira ta' egħluq l-400 sena tal-Kapuċċini f'Malta
❑ Il-mixja tad-destin [2]
Assunta Bonnici 19
L-Islam: Twemmin u Prattika [1]
Joseph Ellul 20

LEJN IS-SENA 2000
❑ "Ejjew u Araw"
Lawrenz Briffa ..... Qorxa II

• •

QOXRA I

Il-Qoxra I hija disinn ta' NATANAEL THEUMA OFMCap fuq ispirazzjoni ta' TREVOR ZAHRA.
Id disinn, fl-okkażjoni ta' egħluq l-'Għaxar Snin' ta' din il-rivista, jirrappreżenta dak li suppost ifesser l-istess isem DAWL FRANĠISKAN u l-għan tiegħu.
Għal 'Għaxar Snin', il-Kapuċċini qed iwasslu l-AĦBAR IT-TAJBA (rappreżentata fil-ħamiem) permezz tar-rivista (fil-figura tal-ktieb imdawwal) lil tant abbonati u qarrejja. ***LpF***

dawlfranġiskan

Leħen il-Kapuċċini Maltin
L-Għaxar Sena - Marzu - Nru.98

BORD EDITORJALI
William Axiaq
Philip Cutajar/Raniero Żammit
Frankie Formosa/Trevor Żahra
Joe Żammit Ċiantar
Leonard Falzon

***Direzzjoni u Amministrazzjoni*:**
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - Malta
☎ 225525 / 234949



ĦLAS TA' ABBONAMENTI

Il-Ħlas għal sena ta' l-Abbonamenti fir-rivista DAWL FRANĠISKAN, li tasallek id-dar bil-Posta, huwa ta' Lm2. Għal kull ħlas/offerta tinbagħtlek riċevuta.

Grazzi.

KORRESPONDENZA

Kull korrespndenza għal DAWL FRANĠISKAN għandha tiġi indirizzata lil:

Direzzjoni DAWL FRANĠISKAN
Kunvent tal-Kapuċċini
Furjana

Id-direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika f'DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jaqblu max-xejra tar-rivista

Mitbugħ fil-*Gutenberg Press*, Żabbar

Fil-Ġejjieni, aħna nemmnu...

"Għad jiġi żmien meta l-linka tal-kittieba tkun prezzjuża daqs id-demm tal-martri." Hekk kien bassar Tertuljanu (160-220). U ma marx żmerċ! Iż-żmien tah raġun. Għalkemm il-kelma ħajja għad baqgħalha żmienha, mandankollu l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, fejn tidħol ir-reliġjon, saru verament l-*ambone* tallum. U 'l quddiem se jkunu iżjed hekk. Jekk trid tgħallem, teduka, tibni fil-fidi, issaħħaħ konvinzjonijiet insara fl-oħrajn, bilfors trid tagħmel użu tajjeb minnhom.

Għaxar snin ilu, il-Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija rat il-bżonn "**indispensabbli**" ta' rivista u beda jiġi ppubblikat DAWL FRANĠISKAN b'għanijiet pastorali. Matul dawn il-għaxar snin sar ħafna xogħol għaqli u mpenjattiv biex ir-rivista tilħaq ċertu livell, l-aktar tekniku u artistiku. Aħna rridu li fil-ġejjieni qarib, ir-rivista, waqt li tkompli tipperfezzjona ruħha f'dik id-direzzjoni importanti, fl-istess ħin, trid tilħaq ukoll ċertu *"standard"* kontenutistiku. Il-materjal li jidher fiha jrid ikun iżjed solidu. L-artikli li jiġu ppubblikati jridu jżommu lill-qarrejja mhux biss aġġornati, imma saħansitra mħejjija għal mistennijiet ġodda. Ir-rivista trid taħdem għal *"vision"*, orizzonti ġodda.

Il-Bord Editorjali se jagħti ħafna każ ir-rakkomandazzjoni tal-komiku Kekulè li nigges in-nies ta' żmienu bil-kelmiet provokattivi: *"Sinjuri, ejjew nitgħallmu noħolmu"*. Il-Kostituzzjonijiet tal-patrijiet Kapuċċini jħeġġu: *"I appostlu Pawlu jwiddeb: 'Mela, dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd'* (Gal. 6: 10). *Billi nafu li s-salvazzjoni tiddependi minn okkażjonijiet favorevoli li jgħaddu u ma jerġgħux juru wiċċhom, u li l-bnedmin u l-komunikazzjonijiet ma jimxux 'il quddiem jekk mhux fil-mixi taż-żmien, ejjew inwieġbu b'għassa 'l Alla, li jiltaqa' magħna b'dan il-mod, fiż-żmien. Sabiex ma nittraskurawx din l-okkażjoni opportuna jew inkella naħluha bla bżonn, l-attivitajiet tagħna għandhom iwieġbu għall-kondizzjonijiet taż-żmien ta' issa; b'ħarsa għaqlija 'l quddiem u bi programmazzjoni tal-ġejjieni u mingħajr ma nwarrbu fil-ġemb il-meżżi teknići moderni"* (Kost 82, 1-3).

F'dan il-paragrafu, l-aċċent dwar it-tħaddim tal-meżżi ta' komunikazzjoni soċjali mill-patrijiet, indirizzat lejn il-futur, huwa evidenti, qawwi, insistenti u urġenti.

Ir-rivista tagħna trid tħabrek, iżjed milli qatt għamlet hekk fl-imgħoddi, biex teduka lill-qarrejja u tħejjihom, b'diskors validu, dwar il-ġejjieni, billi żżommhom friski dwar kwistjonijiet prospettivi ta' natura spiritwali, edukattiva, soċjali, familjari, missjunarji. Irid ikollha mill-pronostiku!

Għaxar snin ilu, il-Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija rat il-bżonn "*indispensabbli*" ta' rivista u beda jiġi ppubblikat *'DAWL FRANĠISKAN'* b'għanijiet pastorali. Matul dawn il-għaxar snin sar ħafna xogħol għaqli u mpenjattiv biex ir-rivista tilħaq ċertu livell, l-aktar tekniku u artistiku. Aħna rridu li fil-ġejjieni qarib, ir-rivista, waqt li tkompli tipperfezzjona ruħha f'dik id-direzzjoni importanti, fl-istess ħin, trid tilħaq ukoll ċertu *"standard"* kontenutistiku. Il-materjal li jidher fiha jrid ikun iżjed solidu. L-artikli li jiġu ppubblikati jridu jżommu lill-qarrejja mhux biss aġġornati, imma saħansitra mħejjija għal mistennijiet ġodda. Ir-rivista trid taħdem għal *"vision"*, orizzonti ġodda.

Aħna konvinti mill-kliem mimli verità ta' Lord Byron: *"Qatra linka kapaċi tagħmel eluf, forsi miljuni, ta' persuni jaħsbu"*. Aħna perswaži wkoll minn kliem Alexander Pope, meta qal: *"Il-pinna hija iżjed penetranti mix-xabla"*. Iva, il-pinna hija: ❑ Kapaċi tidħol kullimkien; ❑ Kapaċi temigra; ❑ Kapaċi tmiss il-qlub, ❑ Kapaċi tagħmel il-meravilji, basta tkun użata tajjeb.

San Pietru Kanisju, S.J. (1521-1592) kien qal espressjoni li tgħodd għal Malta fiż-żminijiet li ninsabu fihom. Il-gudizzju li kien għadda huwa: *"Kittieb wieħed, illum, fil-Ġermanja jiswa iżjed minn għaxar professuri"*.

Kliemu se nżommuh quddiem għajnejna.

Il-ħalfa tagħna hija waħda: b'rivista ħarsitha 'l quddiem, irridu naħdmu b'mod iżjed effikaċi għall-animazzjoni nisranija tad-dinja (Kost 82,4).

Il-għan tagħna nistgħu nisiltuh mid-Dokument ta' l-aħħar Kunsill Plenarju ta' l-Ordni tagħna li jittratta dwar il-preżenza profetika tal-Kapuċċini fid-dinja: **ħajja u ħidma**. Dan id-Dokument iħeġġeġ lill-Kapuċċini, biex igħożżu l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u jħaddmuhom b'sens qawwi ta' responsabbiltà, sabiex joħolqu mentalità reliġjuża ġdida. Bihom jippriedkaw **il-Bxara it-Tajba**, jagħarfu jużawhom kritikament u jgħallmu lin-nies jagħmlu l-istess u jrawmu lajċi, biex iwasslu l-messaġġ nisrani permezz ta' dan il-qasam importanti tal-*mass media* (n. 58).

Dan ukoll se jkun il-għan tagħna, mill-lum 'il quddiem, fid-direzzjoni tar-rivista. Skond statistiċi serji, illum fid-dinja qegħdin jiġu ppubblikati 8,000 ġurnal b'ġibda komplessiva ta' 320 miljun kopja kuljum; 22,000 perjodiku li bejniethom jippubblikaw 200 miljun kopja fil-gimgħa; 460,000 ktieb ġdid fis-sena. Hawn Malta, matul is-sena 1989 ġew ippubblikati ma' l-400 pubblikazzjoni b'ilsien art twelidna.


Ir-rivista tagħna tagħmel parti minn dan il-materjal stampat kollu fid-dinja kontemporanja. Bin-numru ta' abbonati li kuljum jiżdied, aħna nagħmlu tagħna l-kredu ta' rivista serja Taljana, u iżjed minn qabel nistqarru li:

- ***nemmnu fil-fatti u fir-rispett lejn il-verità,***
- ***nemmnu fil-lealtà u fil-qawwa ta' l-oġġettività (dak li hu abjad abjad u dak li hu iswed iswed),***
- ***nemmnu fil-kuxjenza, fil-bnedmin, fis-sinċerità,***
- ***nemmnu f'min hu kuraġġuż biex jiddefendi l-opinjonijiet tiegħu,***
- ***nemmnu fl-ġurnaliżmu li ma jaqdiex il-poter; u***
- ***nemmnu f'rivista libera, onesta, kuraġġjuża; u li tħobb tissogra.***

ALLA GĦADU JSEJJAĦ...

Franco u Natanael iwieġbu

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Jannar 1990, fil-knisja ta' Sant Antnin, Għajn Dwieli, fil-preżenza ta' knisja mballata nies, *Franco Fenech* u *Natanael Theuma* ġeddu l-konsagrazzjoni





tagħhom permezz ta' l-Ewwel Wegħdiet: *ubbidjenza, faqar* u *safa* fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin.


Franco Fenech (*24 sena*) mill-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa; u *Natanael Theuma* (*28 sena*) mill-parroċċa tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun, fi tmiem is-sena tan-novizzjat fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin, iwieġdu 'l Alla li jgħixu fl-ubbidjenza, bla ma jkollhom xejn tagħhom u fis-safa.

Il-funzjoni tal-***Wegħdiet*** u l-***Vestizzjoni*** saret f'konċelebrazzjoni mmexxija mill-Provinċjal Franġisku Azzopardi OFMCap, assistit mis-superjur tad-dar u l-mastru tan-novizzi: Publio Mair u Joe Giuliano rispettivament.

Iċ-Ċelebrazzjoni kollha, mill-bidu sat-tmiem, kellha t-timbru *taċ-Ċelebrazzjonijiet katekumenali.* Ukoll, wieħed jista' jgħid li dan ir-rit kien l-ewwel wieħed ta' din is-sura li sar mill-Kapuċċini f'Malta.

Matul il-funzjoni kollha kienet tispikka, fost dawk li mlew il-knisja, *attenzjoni* u *parteċipazzjoni.* L-'Agape' wkoll kienet dominata minn sodisfazzjoni kbir għall-organiż-żazzjoni u l-ferħ li nħass matul iċ-ċelebrazzjoni. Dan kien dovut għall-'*ammonizzjonijiet*' u s-siltiet li nqraw u mhux inqas għall-kant u l-kor immexxi minn Tonio Farruġia.





Il-professi l-ġodda, Franco u Natanael, jirċievu l-labtu (il-libsa) ta' Franġiskani Kapuċċini mingħand il-Provinċjal Franġisku Azzopardi OFMCap.(xellug) In-neo-professi, fi tmiem tal-funzjoni, ħdejn 'setting' ta' l-okkażjoni tal-Milied, fil-knisja tal-Kapuċċini - Għajn Dwieli.

Il-Provinċjal Franġisku Azzopardi OFMCap, li laqa' l-Wegħdiet u ta l-'labtu' (*iċ-ċoqqa*) lill-professi l-ġodda, għamel ukoll id-diskors ta' l-okkazjoni. Fost il-ħsibijiet li l-provinċjal għamel fl-omelija, huwa qal:


"*Wara l-postulandat u n-novizzjat, din hija okkazjoni għażiża u li jibqgħu jiftakruha Franco u Natanael. Fiha se jwegħdu lil Alla li jgħixu l-voti.*

Alla jrid li nkunu qaddisin u salvi. Għal dan il-għan, Hu jagħtina l-mezzi kollha. Fost dawn il-mezzi jsejjaħ lill uħud b'mod speċjali għall-ħajja iżjed perfetta. Fil-bidu tal-Knisja nibtu gruppi biex igħixu din il-ħajja iżjed perfetta skond l-Evanġelju. Alla għadu jsejjaħ persuni biex jingħataw kollhom kemm huma għalih. Fosthom huma Franco u Natanael.

Din l-okkażjoni tqajjem ċerti mistoqsijiet. Is-soċjetà tistaqsi dwar is-sens tal-ħajja reliġjuża. Is-soċjetà, li hi mehdija b'tant progress, konsum, kumditá, ftit li xejn tħares lejn ir-reliġjużi b'għajn tajba. Dan għaliex ma tħarisx lejn l-Ordnijiet Reliġjużi bħala dik il-ħmira tagħha.

Il-Knisja tgħożż ir-reliġjużi. Huma xhieda quddiem id-dinja ta' kif wieħed jista' jħobb lil Alla b'mod perfett, mingħajr irbit, mingħajr dik il-kilba, regħba. Huma ħmira li tagħti kuraġġ u tħeġġeġ lil ta' madwarha. Dan il-Knisja wrietu fil-'Lumen Gentium'. Fost ħwejjeġ oħra hija tgħid: **"Permezz tal-voti reliġjuži jew ta' rabtiet oħra li b'mod proprju tagħhom jixbħuhom fl-iskop - u li bihom jobbliga ruħu li josserva t-tliet kunsilli evanġeliċi msemmija - in-nisrani jagħti ruħu kollu kemm hu lil Alla li hu jħobb fuq kollox. B'hekk huwa jimpenja ruħu, b'titlu ġdid u speċjali, għas-servizz u l-qima ta' Alla"** *(par. 44).*









(Fuq ix-xellug): Il-Provinċjal Franġisku Azzopardi OFMCap waqt l-omelija. (lemin): Franco u Natanael għarkubtejhom waqt li se jagħtu kelmithom li jgħixu fqar, ubbidjenti u safja. (Xellug): Uħud mill-konċelebranti waqt il-funzjoni tal-Professjoni u l-Vestizzjoni fil-knisja tal-Kapuċċini - Għajn Dwieli. (Taħt): Parti mill-gemgħa li attendiet għaċ-Ċelebrazzjoni.

Nifirħu flimkien ma' Franco u Natanael. Għandhom skop wieħed: iħobbu lil Alla u jimxu warajh ħalli jkunu ta' nkuraġġiment għall-oħrajn bħalhom. Naħdmu lkoll ħalli jitkattru l-vokazzjonijiet u anki l-ħeġġa ta' Franco u Natanael.

Mis-seklu XIV qatt ma naqas fil-gżejjer tagħna r-rigal tal-ħajja reliġjuża. Hu ta' unur u sodisfazzjon għalina reliġjużi, is-sehem li tajna fil-qdusija, għerf, opri ta' karità u oħrajn fi ħdan is-soċjetà Maltija. Nitolbu lil Alla ħa jkompli jkattar vokazzjonijiet reliġjużi u nħarsu dawk li jinbtu. Nitolbu għar-reliġjużi kollha ħalli bi dmir u reponsabbiltà ngawdu s-sejħa tagħna biex hekk inkunu ta' siwi fost il-fidili". ✪

Għalaqna GĦAXAR SNIN

Dawl Frangiskan

Leħen il-Kapuċċini Maltin

Ħarsa: minn *Għaxar Snin* ilu sallum

mid-Direzzjoni



Din ir-rivista "*Dawl Frangiskan*" mhix iniz-zjattiva ġdida għal kollox fi ħdan il-Provinċja Kapuċċina ta' Malta. Fil-passat minbarra r-rivisti maħruġa mill-istudenti kapuċċini: *"Omm ir-Raġħaj Divin"* - *"Iż-żgħażagħ Lilkom"* - *"Is-Sliem"* - u *"Capuchin Mind"* - insibu bħala pubblikazzjoni uffiċċjali tal-Provinċja: *"L-Immakulata"* (1912-1968). Din, bil-għan li jkun hemm sforzi magħquda fil-bxara tal-Messaġġ Frangiskan, ċediet postha għar-rivista: *"Dawl Ġdid"* (1969-1973) li bdiet toħroġ mit-tlett Ordnijiet Frangiskani flimkien.

Bejn is-snin 1973-1981 kien hemm pawsa fejn il-Provinċja Kapuċċina f'Malta ma kellha l-ebda pubblikazzjoni. Matul dak iż-żmien il-Kapuċċini Maltin kienu jagħmlu użu, mill-aħjar li jistgħu, minn mezzi oħra ta' kommunikazzjoni bħalma huma l-ġurnali ta' kuljum.

Il-bżonn ta' pubblikazzjoni frangiskana kien ilu jinħass fost il-Kapuċċini Maltin li kellhom għal qalbhom l-appostolat tal-kitba u li fuq kollox kienu jemmnu fih bħala wieħed mill-aqwa mezzi effettivi ta' żmienna. Għalhekk, wara li għaddew il-festi tal-Milied tas-sena 1980, fuq inizjattiva tal-Provinċjal Patri Krispin Tabone, iltaqa' l-ewwel

Bord Editorjali bil-għan li jingħata bidu għal pubblikazzjoni ġdida, li tkun illeħen uffiċċjali tal-Kapuċċini f'Malta. Din il-laqgħa saret nhar l-10 ta' Jannar 1981, proprju fl-uffiċċju tal-Provinċjal, u għaliha kienu attendew Patri Feliċjan Bilocca (*illum mejjet*), Patri Ewsebju Darmanin (*illum Isqof ta' Garissa, fil-Kenja, bl-isem ta' Mons. Pawlu Darmanin*) u Patri Philip Cutajar. Dakinhar sar it-tqassim taxxogħol mitlub mir-rivista l-ġdida: Patri Philip Cutajar sar l-ewwel Editur Responsabbli, Patri Feliċjan Bilocca ħa r-responsabiltà tal-paġni li jitkellmu mill-messaġġ franġiskan b'orjentazzjoni għall-membri ta' l-O.F.S. li tagħhom kien l-Assistent Provinċjali, filwaqt li Patri Ewsebju (Pawlu) Darmanin ħa r-responsabbiltà tal-paġni li jitkellmu mill-animazzjoni missjunarja b'orjentazzjoni speċifika fuq il-missjoni tal-Kenja, li dak iż-żmien kienet għad ilha biss sitt snin f'idejn il-Kapuċċini Maltin.

L-ewwel ħarġa tar-rivista kienet proprju għaxar snin ilu: f'Marzu tas-sena 1981.

❑ Mill-ewwel bdiet toħroġ bil-*cover* tagħha bil-kulur. U proprju kienet l-ewwel u l-unika rivista li kienet toħroġ bil-kulur u baqgħet hekk sallum. Fil-fatt mall-ewwel ġiet milqugħa bħala l-aktar rivista "**sabiħa, attraenti w eleganti**" f'dawk is-snin.


❑ Fil-bidu ġiet imqassma mingħajr ħlas. Imma mill-ewwel inħass il-piż ta' l-ispejjeż u għalhekk mat-tielet ħarġa ġiet imnedija s-sistema ta' l-abbonamenti bi ħlas ta' Lm2 kull sena. Il-ħlas ta' l-abbonament tul dawn l-għaxar snin baqa' l-istess għalkemm l-ispejjeż kibru.


❑ L-ewwel pubblikazzjoni kienet ta' 900 kopja. Imma mat-tieni ħarġa għoliet għal elf kopja. U wara sena sarel 1,200 kopja. Matul dawn l-aħħar xhur ir-rivista telgħet għal 2,500 kopja. Hija meqjusa bħala l-aktar rivista ta' l-istil tagħha li għandha ċirkulazzjoni.

Għażiż Editur,

L-isbaħ tislijiet fil-Mulej mid-Djoċesi ta' Ġarissa fil-Kenja.

Nifhem li r-Rivista '*Dawl Franġiskan*' riesqa lejn l-egħluq ta' l-'Għaxar Sena' minn meta ħarġet għall-ewwel darba. Nixtieq li nieħu l-okkazjoni biex nibagħtilkom il-





Happy Birthday kif ukoll l-Awguri tiegħi għall-Futur.

L-Ispirtu Missjunarju fost il-Maltin u l-Għawdxin huwa magħruf sewwa. Ir-Rivista qed tkompli tagħti l-kontribut importanti tagħha biex ikompli jikber u jissaħħaħ. Dan hu apostolat importanti ħafna fil-ħajja nisranija tagħna. Il-Knisja kollha hija missjunarja - li nwasslu 'l Kristu lil kulħadd, li kulħadd jagħraf l-Imħabba kbira tal-Missier murija lilna permezz ta' Ibnu Ġesù.

Id-Djoċesi ta' Ġarissa ta' spiss tkun ukoll fil-paġni tar-Rivista. Dan joħloq rabta qawwija bejn il-qarrejja u d-Djoċesi. Jalla dan iservi biex ilkoll - kemm il-missjunarji f'Ġarissa kif ukoll dawk li jitolbu u jħobbu d-Djoċesi - nħossuna li qegħdin naħdmu flimkien f'din il-parti tal-Kenja fejn il-Knisja għad trid tikber u tissaħħaħ.


Nawgura lir-Rivista li tkun ta' appostolat kbir għall-ġejjieni fil-vokazzjoni missjunarja tal-Knisja.

Inselli għalik u għall-Qarrejja kollha.

Il-Mulej iberikkom,

Paul Darmanin

Nieħu gost li nifraħ lilek u lil kull min għen f'dawn il-għaxar snin li ilu joħroġ id-***DAWL FRANĠISKAN.***



Nifraħ għal ġid li sar żgur fost dawk kollha li qrawh u segwewh sewwa kif kelli x-xorti li nagħmel jien anki mill-bogħod, fill-Missjoni tagħna fil-Kenja. Barra minn hekk irrid ukoll nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna li dejjem tajtu billi tajtu dejjem informazzjoni siwja fuq ix-xogħol li qed nagħmlu aħna l-Kapuċċini kemm fil-Provinċja u kemm fil-Kustodja tal-Kenja. Kienu ħafna li kitbuli u kkwotaw dak li qraw fid-***DAWL FRANĠISKAN.***

Dak kollu li sar f'dawn il-għaxar snin tal-pubblikazzjoni ta' ***DAWL FRANĠISKAN*** żgur li għen biex tkber dejjem l-imħabba li għandu jkollna għal xulxin bħala Nsara. Permezz tal-komunikazzjoni bejn xulxin u ma' għadd daqshekk kbir ta' nies li huma abbonati, inħeġġu lil xulxin biex naħdmu għal Kristu u biex jinxtered l-Evanġelju.

Dawk kollha li kitbu f' ***DAWL FRANĠISKAN***, ippruvaw ixerdu l-ferħ tal-*Bxara t-Tajba* u billi ħafna minnhom huma Franġiskani Kapuċċini taw dejjem fuq ir-radikalismu franġiskan ta' kif wieħed jista jgħix il-Vanġelu.

Naħseb li f'dawn l-għaxar snin ta' ***DAWL FRANĠISKAN*** sar ħafna ġid lil dawk kollha li jaqrawh, lilna l-Kapuċċini u aktar u aktar lilna missjunarji u lin-nies egħżież tagħna f'kull stazzjon missjunarji fil-Kustodja tagħna tal-Kenja. Naħseb ukoll li għandna r-raġun kollu li nkantaw *Te Deum* solenni.


Kieku wieħed kellu joqgħod jara bil-mod kull kopja li ħarġet f'dawn l-għaxar snin, waħda waħda u wara xulxin, kien żgur li jara progress kontinwu u xi minn daqqiet qabżiet kbar 'il quddiem f'dak kollu li nkiteb u fil-preżentazzjoni wkoll. Nawguraw fil-Mulej li għal għaxar snin li ġejjin dan il-progress ikompli u b'passi iktar kuraġġużi u ġodda.

"Il-Baby" li kien ***Dawl Franġiskan*** għaxar snin ilu, issa kiber. Għaddew id-diffikultajiet tat-tfulija u issa dieħel għall-adolixxenza tiegħu.

Jekk għaxar snin ilu nħass il-bżonn ta' din il-pubblikazzjoni, issa dan il-bżonn għadu hemm u ma kibirx għax jeżisti ***DAWL FRANĠISKAN.***

Jekk nista nagħti xi suġġerimenti, kont naħseb li kieku timbeda sensiela li fiha jingħata tagħrif fuq Kapuċċini li għalkemm ħallewna għadna nisimgħu fuqhom ħafna minn ħutna li għadhom jiftakruhom - naħseb li tkun ta' interess għal dawk li jħobbu lill-Kapuċċini. Lil dawn il-ħbieb tagħna nintroduċuhom biex jisimgħu huma wkoll ir-rakkonti sbieħ li nisimgħu aħna l-Kapuċċini stess meta niltaqgħu ma' ħutna oħra u jibdew isemmu bħal Patri Fidiel, Patri Ġerardu, Fra Ġerardu u ħafna oħra.

Il-Mulej jagħtik is-sliem.



❑ Fil-bidu l-*covers* bil-kulur kienu jiġu akkwistati bi ħlas nominali mingħand il-Bord Editorjali tar-rivista "CONTINENTI', rivista missjunarja maħruġa mill-patrijiet ħutna taljani. Dan il-ftehim baqa' jsir sas-sena 1986. Minn dakinhar il quddiem il-kuluri tal-*covers* bdew isiru Malta.

❑ Il-Bord Editorjali hekk kif ġie mwaqqaf fil-bidu tal-pubblikazzjoni tar-rivista baqa' hekk sas-sena 1986. F'din is-sena sar tibdil sustanzjali billi filwaqt li Patri Philip Cutajar baqa' l-Editur, daħlu miegħu bħala membri ġodda Fr. Joe Alessandro u Fr. Leonard Falzon. Għall-ewwel darbafil-Bord tar-rivista *DAWL FRANĠISKAN* issieħeb individwu li mhux Kapuċċini, is-Sur Joe Zammit Ciantar.


❑ Fis-sena 1986 saret tibdila oħra fil-ħajja tar-rivista: qlibna għas-sistema ta' *'offset'* fejn Fr. Leonard Falzon ta kontribut siewi b'xogħol li wettaq huwa persunalment f'dan il-proċess.

❑ Fis-sena 1987 fil-Bord daħlu membri ġodda bil-għan li jagħtu s-sehem tagħhom b'suġġerimenti u kitbiet regulari, fosthom Patri Manwel Micallef, Patri Joe Ġuliano u l-istudent Pawlu Buġeja. Inħass ukoll il-bżonn li tingħata importanza lid-distribuzjoni tar-rivista speċjalment fl-akkwist ta' aktar abbonamenti biex b'hekk il-messaġġ aktar jinxtered fost il-familji Maltin. Għal dan ix-xogħol ġie magħżul Bro. Frankie Formosa li ta kontribut siewi.

❑ Ftit tax-xhur ilu, f'Lulju 1989, sar l-aħħar tibdil fil-Bord Editorjali tar-rivista: minħabba pressjoni ta' xogħol ieħor Patri Philip Cutajar talab li jċedi mir-responsabbiltà ta' Editur u minfloku daħal Patri William Axiaq, filwaqt li Patri Philip sar responsabbli mill-paġni b'messaġġ franġiskan għall-membri ta' l-O.F.S.

Daħal bħala membru ġdid Patri Raniero Żammit li huwa wkoll seġretarju tal-Bord Editorjali. Filwaqt li Bro. Frankie Formosa baqa' bix-xogħol tiegħu bħala distributur. Fr. Leonard Falzon kompla jżomm ir-responsabbiltà tax-xogħol tiegħu li għandu, dak ta' *'produzzjoni u preżentazzjoni'* tar-rivista *DAWL FRANĠISKAN.*

Il-Knisja u l-kwistjoni Soċjali



Publio Mair OFMCap

Il-Kattoliċiżmu liberali [7]

Hu, Von Vogeslang, kien bniedem ta' inizattiva. Laqqa' lill-klassi tan-nobbli fejn flimkien miegħu ħaduha kontra l-kriminali mwettqa mill-Kapitaliżmu, li kien fil-maġġur parti f'idejn il-Lhud.

Ix-xogħol ta' von Vogelsang kien li dan it-tip tan-nobbli jkollu l-għan li jħares lill-massa tal-ħaddiema u tal-bdiewa minn kull sfruttament. Bejn is-sena 1883 -1888 ħa ħsieb ilaqqa' n-nobbli nsara f'diversi bliet biex igħinhom joħolqu dan iċ-ċirku li l-għan tiegħu kellu jkun li jgħin itejjeb b'mod xieraq il-qagħda tal-klassi tal-ħaddiema dipendenti. Il-ġlieda tiegħu kontra dawk li kellhom issetgħa tal-flus ma kinetx mibegħda jew rivoluzzjoni, iżda fuq ir-rebħa ġusta mixtieqa minn dawk kollha li kellhom għal qalbhom l-interessi ta' min kien sfruttat.

Il-punti ewlenin li fuqhom Vogelsang u sħabu ħadmu biex tinbena soċjetà mibnija fuq il-ġid u l-ġustizja kienu tlieta:

❑ Kritika ugwali lill-Kapitalismu u l-Kollettivismu Soċjalista.

❑ Il-kritika lejn il-Kapitalismu u l-Kollettivismu Soċjalista.

❑ Il-kritika lejn il-Kapitalismu ma tfisser qatt l-ebda approvazzjoni tas-sistema Soċjalista Kollettivista.

Vogelsang u sħabu kienu raw minn qabel xi jfisser is-Soċjalismu Reali li biddel dawk is-soċjetajiet f'organizazzjoni ta' *"xogħol furzat"*. Is-snin imgħoddija u l-ġrajjiet li twettqu huma xhieda biżżejjed ta' dak li ġara.

❑ Mill-lat posittiv, Vogelsang ried li bejn l-istat u l-individwu jinħolqu l-*"intermediary bodies"* korpi professjonali biex min-naħa jtaffu l-qawwa ta' l-istat u min-naħa l-oħra jkomplu isaħħu il-qagħda ta' l-individwi.

Vogelsang ried li dawn il-korpi professjonali jkollhom personalità ċivili u jkunu jagħmlu parti mid-dirittu pulitiku. Għal Vogelsang il-Liberalismu kien sinonimu ta' Lajċismu; ir-reazzjoni ta' dan kienet soċjatà fis-sistema komunista. L-unika soluzzjoni kienu dawn il-korpi[5]. Xi wħud akkużaw lil Vogelsang li ried imur lura lejn iż-żminijiet tal-Medju-Evu. Iżda Vogelsang ried li mill-Medju-Evu ried biss jimxi fuq il-prinċipji li applikati għall-ordni soċjali ġdid ikun imdawwal mill-fidi[6].

Kien hemm min ikkritika t-teżi ta' Vogelsang billi qal li Vogelsang ried iqajjem mill-ġdid skeletri li kienu ilhom snin sħaħ mejtin. Iżda Vogelsang qatt ma kellu f'moħħu li jmur lura lejn l-imgħoddi iżda biss li jispira ruħu mill-prinċipji ta' l-imgħoddi biex iwettaq fejn kien possibli dak li u tajjeb[7].

(5) **J. Jarlot**, "*Il Regime Corporattivo e la Associazzione Cristiana*" Assisi 1964.
(6) **L. Gregorie**, "*Le Pape, Les Catholiques et la Question Sociale*" Paris 1947, p.24.
(7) **A. Muller**, "*La Politicacorporativa*" Roma 1968, pp. 64 - 73. ■

Il-Vokazzjoni

Sejħa bi Tweġiba




Stedina għad-djalogu

Il-Vokazzjoni hija l-għażla ħielsa li jagħmel Alla lin-nisrani u hija mogħtija lilu b'xejn; hekk, għax irid iħobb! Alla ma jafx joqgħod kwiet! Dejjem jivvinta kif jidħol f'taħdita, fi djalogu mal-bniedem; wara kollox għalhekk ħalqu: għad-djalogu, biex jitkellem miegħu. Għalhekk ħalqu xbieha tiegħu biex jagħti lill-bniedem sehem mill-ħajja tiegħu. Din il-vokazzjoni tidħol fil-ġewwieni tal-persuna, tmiss lill-individwu fil-fond ta' qalbu iżda din il-vokazzjoni tasal biex twarrad fil-komunità, tesprimi ruħha u tidher fl-għaqda tal-bnedmin. Għalhekk din il-vokazzjoni minna nfisha titlob li jkollha tweġiba: il-bniedem li jiġi msejjaħ irid jagħti tweġiba lil Alla. X'kobor li twieġeb lil Alla!

Il-kelma li toħroġ minn fomm Alla ma tistgħax terġa' lura għandu qabel ma tagħmel il-frott, u l-frott huwa appuntu t-tweġiba posittiva li jagħti l-bniedem. Hekk Marija għas-sejħa ta' l-anglu Gabriel biex issir Omm Alla, hija wieġbet fl-affermativ: qalet IVA! L-'iva' ta' Marija effettwat lill-komunità kollha tal-bnedmin, għax l-iva tagħha gabet is-salvazzjoni lid-dinja kollha. Il-Mulej Alla jsejħilna ħalli aħna nieħdu sehem fis-salvazzjoni tal-bnedmin, għax huwa stess, *Jaħwe,* huwa Alla li jsalva: hekk tixhed it-tifsira ta' Ismu! Għalhekk li wieħed jagħżel li jsegwi vokazzjoni fil-kuntest ta' djalogu, jiġifieri, sejħa-tweġiba , ifisser li joqgħod attent għall-Mulej li jsejjaħ. Din l-attenzjoni għandha tkun bħal dik ta' Samwel li dejjem kien pront li jwieġeb u jara x'ried minnu l-qassis Eli. Kienet din il-ħeġġa biex iwieġeb minnufih, li ġiegħlitu jwieġeb bil-fedeltà kollha għas-sejħa ta' Alla.

L-uman u d-divin fil-vokazzjoni

Il-vokazzjoni hija r-riżultat ta' relazzjoni ntima ma' Alla. Hija relazzjoni li kapaċi toħloq djalogu. Meta tnejn ikunu jinħabbu tassew ma jisibuhiex bi tqila li jitkellmu ma xulxin bla biża ta' xejn. Il-biża' tisa' tinħoloq meta tnejn ma jkunux jafu lil xulxin. Il-vokazzjoni hija ġrajja ta' grazzja, li



tidħol il-ġewwa fil-psikoloġija umana. Il-vokazzjoni tikber fir-realtà tal- bniedem, fl-ambjent li fih igħix, fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Il-grazzja ta' Alla tħaddan dak kollu li hu tal-bniedem, ta' l-individwu partikulari. Għalhekk, għalkemm Alla jagħmel l-istess sejħa lil kulħadd għall-għaqda miegħu, għad-djalogu, mhux ma kulħadd jaħdem l-istess; Alla jqis lill-persuna individwali, b'dak kollu li jagħmilha dik li hi: *trobbija, edukazzjoni, ambjent, kwalitajiet naturali, doni.*

Għalhekk fil-vokazzjoni naraw li jidħlu żewġ fatturi mportanti: **id-divin u l-uman.** Il-presenza tad-divin u l-uman iwassalna biex nifhmu li x-xjenzi umani biss jew it-teoloġija biss m'hijex biżżejjed biex jagħrfu l-vokazzjoni. It-teoloġija jirnexxiela tgħidilna bl-intervent ta' Alla fil-persuna umana, filwaqt li x-xjenzi umani jgħidulna u jiddiskrivu l-kuntest li fih isir l-appell, il-proposta ta' Alla. Fil-vokazzjoni naraw il-misteru, xi ħaġa li ma nistgħux nifhmu, xi ħaġa li ma jistgħax ikollna kontroll fuqha, għax il-kontroll qiegħed f'idejn Alla. Huwa Alla li jieħu l-inizjattiva biex jiftaħ id-djalogu u huwa Alla li jkompli jsostni dan id-djalogu. Li nistgħu nagħmlu aħna huwa li noqogħdu attenti ħalli nwieġbu minnufih għas-sejħat li jagħmlilna Alla kuljum. L-iżvilupp tal-vokazzjoni, ta' din il-laqgħa bejn Alla u l-bniedem, hija kontinwa, bla ma taqta' xejn.

Quddiem l-inizjattiva ta' Alla li jsejjaħ u jistieden għad-djalogu, għal taħdita intima miegħu, il-bniedem irid ikun disponibbli u miftuħ, biex b'ġenerożità kbira jwieġeb lill-Mulej. Mhux faċli biex wieħed iwieġeb lil Alla, għax t-tweġiba ma tridx tkun bittlaqliq jew b'nofs kedda! Jew taċċetta l-istedina ta' Alla u tidħol b'ruħek u b'ġismek għal dak li jistiednek Alla biex tagħmel, jew inkella tidħol xejn, għax kif tgħidilna l-iskrittura, il-bniedem li huwa la kiesaħ u l-anqas sħun, jiġifieri indifferenti, lil dan jobżqu, jew fi kliem ieħor: iwarrbu!

Biex wieħed jista' jfittex ir-rieda ta' Alla fil-konkret għandu jdur lejn il-Kelma tiegħu, lejn it-talb, filwaqt li jaċċetta l-għajnuna ta' persuni li digà daħlu fi djalogu ma' Alla, f'kelma waħda diġà aċċettaw li jidħlu f'taħdita intima miegħu, u li diġà qed iġarrbuha f'ħajjithom u dan ta' kuljum. Dawn il-persuni jistgħu jkunu jew id-direttur spiritwali jew oħrajn impenjati tassew fil-ħajja nisranija. Dawn il-persuni jistgħu jgħinu lil ġuvni, pereżempju biex jgħaraf u jimmatura fil-vokazzjoni tiegħu ħalli b'hekk ikun kapaċi jagħti lilu nnifsu kemm lil Alla kif ukoll lill-oħrajn.

Meta Alla jiltaqa' ma' persuna, huwa ma jfaqqariehx, ma joħdilha xejn, anzi jgħanieha bl-intimità tiegħu, billi jkabbar it-taħdita ta' bejniethom. Din l intimità, dan id djalogu, jrid jinbidel f'esperjenza ta' dan Alla.

Mhux għandi vokazzjoni, iżda qiegħed f'vokazzjoni

Aħna lkoll ngħixu fi stat ta' vokazzjoni. Il-vokazzjoni mhix xi ħaġa li wieħed għandu, iżda hija xi ħaġa li wieħed irid ikun. Li wieħed ikollu vokazzjoni ma jfissirx li wieħed għandu fil-pussess tiegħu xi ħaġa, iżda jfisser li wieħed qiegħed f'posizzjoni li jiġi msejjaħ u għalhekk għandu jkun dejjem lest li jwieġeb. In-nisrani permezz tal-magħmudija tiegħu, diġà ġie msejjaħ biex jidħol fi djalogu ma' Alla. Il-ħajja nisranija għandha tkun it-tweġiba dejjiema tannisrani għall-istedina li għamillu Alla fil-magħmudija tiegħu: jiġifieri li jwarrab l-egħmil tax-xitan, li huwa d-dnub, u jgħix biss għalih. B'hekk in-nisrani jkun ineħħi kull tfixkil ħalli Alla jkun jista' jidħol iktar fil-fond fis-sejħa li jagħmillu u hekk it-tweġiba tiegħu tkun iżjed profonda u ġeneruża.

Fr. Joe Giuliano OFMCap,
direttur Provinċjali għall-Vokazzjonijiet - Kunvent Għajn Dwieli, Tel.828157



Ġrajjiet importanti fid-*Djoċesi* u l-*Kustodja* Kapuċċina fil-Kenja:

- ❑ **Seminar għall-missjunarji f'ħimda pastorali fid-Djoċesi ta' Garissa.**
- ❑ **Supejuri Kapuċċini Ġodda fil-Kustodja - il-Kenja.**

Awguri lill-Patrijiet: Crispin Tabone u Joe Buttiġieġ li mill-ġdid jinsabu l-Missjoni, il-Kenja, wara perijodu f'Malta.

Il-missjunarji f'Garissa, il-Kenja, minn sitt pajjiżi differenti (*Maltin inklużi*) flimkien ma' l-Isqof tad-Djoċesi, Mons. Pawlu Darmanin, fi studju għall-Pjan ta' Ħidma Pastoral u favur il-Fqar skond il-ħtiġijiet tagħhom.

Is-saċerdoti u s-Sorijiet kollha li jaħdmu fid-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, iltaqgħu flimkien ma' l-Isqof, Mons. Pawlu Darmanin, għal 'Seminar' bejn it-2 u l-5 ta' Jannar 1990.

L-għan tal-laqgħa kien li flimkien ifasslu Pjan ta' Ħidma Pastorali u ħidma favur il-fqar skond il-ħtiġijiet ta' kull stazzjon, u biex jinvolvu aktar magħhom il-lajċi, l-aktar dawk lokali - Kenjani.



Il-parteċipanti missjunarji fis-'Seminar', patrijiet u sorijiet, flimkien ma' l-Isqof, Mons. Pawlu Darmanin

Is-'*Seminar*' tmexxa mid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Soċjali tal-*Catholic Secretariat* ta' Nairobi, u sar f'Ċentru Pastorali ftit 'il boghod mill-kapitali tal-Kenja, *Tika*.

Il-laqgħat kienu animati ħafna, kemm fid-diskussjonijiet, fit-talb flimkien, xogħol fi gruppi żgħar u oħrajn kbar.

Il-parteċipanti kollha ppreżentaw:

- ✪ il-ħidma kollha li qed issir f'kull stazzjon tad-Djoċesi;
- ✪ id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;
- ✪ xi ħidmiet li twettqu b'riżultati pożittivi; u
- ✪ wkoll ġew imressqa xi proġetti li hemm maħsuba għall-futur.

B'kollox ħadu sehem għaxar saċerdoti (*inkluż l-Isqof, Mons. Pawlu Darmanin*) u dsatax-il soru minn ħames kongregazzjonijiet diversi u li ġejjin minn sitt pajjiżi differenti.

Fl-aħħar ġie deċiż li f'Settembru u Ottrubru ta' din is-sena jsiru laqgħat oħra, ta' ġimgħa sħiħa, fuq l-istess linji. ■

Superjuri Ġodda fil-Kustodja Kapuċċina fil-Kenja.

Il-Ħames Kapitlu tal-Kustodja Kapuċċina Maltija fil-Kenja nżamm fil-bidu tax-xahar li għadda, Frar 1990 f'*Franciscan House of Prayer* - Westland, Nairobi.


F'dan il-Kapitlu, il-patrijiet missjunarji Kapuċċini fil-Kustodja tal-Kenja ltaqgħu bejnithom flimkien mal-Provinċjal, Franġisku Azzopardi OFMCap, biex:

- ❑ jitolbu; u
- ❑ mnebbħin mill-Ispirtu ta' Alla, jiddeċiedu fuq problemi tal-Ħajja u tal-ħidma Reliġjuża, persunali u pastorali tagħhom.


Matul dawn il-laqgħat, minn fosthom stess jagħżlu s-Superjur tal-Missjoni u żewġ kunsillieri. Is-Superjuri l-Ġodda magħżula huma l-patrijiet PELAĠJU BILOCCA, Superjur; JOE ALESSANDRO u SPIRO GALEA, kunsillieri. Dawn jidħlu fir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-Kustodja minn dakinhar li jinħatru għall-perijodu ta' tliet snin.

Is-*Segretarjat Missjoni Kapuċċini* f'Malta jingħaqad mal-missjunarji Kapuċċini fil-Kustodja tal-Kenja f'radd il-ħajr 'l Alla għas-servizz li taw l-ex Superjuri: *Frans Baldacchino* (Superjur); *Crispin Tabone* u *Thaddeow C. Schembri* (Kunsillieri), li temmew l-impenn tagħhom b'riżq il-Kustodja u d-Djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja. Fl-istess ħin, aħna lkoll, imqanlin mill-ġenerożità nisranija, għandna nitolbu 'l Alla ħa jkun Hu li jnebbaħ lis-Superjuri l-Ġodda fit-tmexxija u d-deċiżjonijiet tagħhom.

Ad multos Annos.



Is-Superjuri l-Ġodda (isfel) flimkien mal-Provinċjal [x-l]: Joe Alessandro, Pelaġju Bilocca, Superjur, u Spiro Galea. Ritratti fuq u taħt: il-missjunarji f'mumenti tal-Kapitlu, Frar 1990.



Fr. Francis, il-Kapuċċin l-għannej, jagħti xhieda nisranija permezz tal-kitarra

[Tradizzjoni mill-Ingliż meħudha mill-gazzetta '*The Universe*' tas-27 t'Awissu 1989]

Subgħajh jikluh għall-kitarra

Il-kitarra u Fr. Francis Maple jew aħjar **Fr. Francis** kif jafuh, ilhom ħbieb 25 sena. Fl-1970, huwa beda jkanta fil-'clubs' u fis-swali tat-tombla fost il-kattoliċi. L-ammiraturi bdew jingħemgħu f'postijiet ikbar u Fr. Francis, il-Kapuċċin dħuli tal-kitarra, liebes sandli komunim qabad sewwa fil-karriera tiegħu.

Albums

Fl-1976 huwa ħareġ l-ewwel album tiegħu: "*Wild flying love*". Sal-lum huwa ppubblika 13-il ġabra ta' kanzunetti li mbiegħu bil-miljuni fir-Renju Unit. Sena tal-Ġublew tal-Fidda tiegħu, l-album "*The Rugged Cross*" rebbaħlu **diska tad-deheb** u l-fama ta' artist.

Fl-1980 huwa ħareġ disk b'għanja waħda jisimha: *"Cry from the heart"*. Din il-kanzunetta kellha effett l-aktar kommoventi sew fuq l-awtur kif ukoll fuq is-semmiegħa.

Fr. Francis jistqarr. *"'Cry from the heart'* kienet għanja favur il-ħajja li ħalliet effett tal-għaġeb fuq tmien nisa li semgħha. Ftit wara li ħarġet, dawn issinjuri kitbuli waħda wara l-oħra u qaluli li dik il-kanzunetta salvat il-ħajja trabi tagħhom. Jidher li huma kienu qegħdin jikkunsidraw l-***abort*** u dik il-għanja ġegħlithom jaħsbuha darbtejn."

Messaġġ

Reazzjoni bħal din turi ċar il-messaġġ tal-mużika bħala forza qawwija ta' komunikazzjoni. Dawk l-ommijiet bagħtuli r-ritratt tat-trabi tagħhom. U min jaf kemm trabi oħra ġew salvati bil-messaġġ ta' dik il-kanzunetta.

Matul is-snin fil-mużika folk tiegħum Fr. Francis żamm stil ħafif, preċiż umexxej li ġabar ġmiegħi ta' nies mill-gżejjer nordiċi tal-Iskozja sal-ponta t'isfel ta' l-Ingilterra. Jista' jkun li mhux kulħadd iqis lil Fr. Francis bħala 'superstar', iżda l-kanzunetti ta' mħabba li huwajkanta kienu għalih forza kbira fil-missjoni tiegħu.

Karità

Sa llum Fr. Francis għadu jaħtaf kull okkażjoni kbira meta jħoss li hemm iċ-ċans li jiġbor il-flus għall-karità. Bil-kitarra huwa ġabar il-miljuni għan-nies fil-bżonn. Fl-aħħar 20 sena huwa organizza wkoll missjonijiet u rtiri mar-Renju Unit kollu.

F'Awissu li għadda meta mar bħala 'supply-priest' fil-paroċċa ta' St. Mary, Dukinfield ġewwa Chesire, il-kitarra kienet miegħu. Hawnhekk huwa stqarr: *"Issa ili sentejn ma nirrekordja diska u għalkemm għadni nsib żmien biex intella' l-programmi, jiena nqis lili nnifsi bħala predikatur 'full-time'.*

"Ġewwa Dukinfield ġietni idea ġdida u nittama li tirnexxi. Dak li nixtieq nagħmel fil-futur hu li ngħaqqad il-missjoni tiegħi maż-żmien li nkun 'supply-priest', ħalli s-saċerdoti li jmexxu l-parroċċi weħidhom ikollhom vaganza."



Dun Karm Bezzina


Laqgħa ta' l-aħwa fl-O.F.S. nhar l-Epifanija

Bħal ta' kull sena, nhar il-ġimgħa, 4 ta' Jannar, il-membri kollha ta' l-Ordni Franġiskan tas-Sekulari f'Malta ltaqgħu fil-knisja tal-Kapuċċini, fil-Furjana. Din il-laqgħa li ta' kull sena ssir qrib l-Epifanija, din id-darba giet maqgħuda mall-Kwaranturi ta' Adorazzjoni Solenni lil Ġesù Sagramentat li kienu qed isiru fl-istess knisja. Għalhekk ma kienetx biss laqgħa fejn l-Aħwa ta' l-O.F.S. qasmu flimkien il-ferħ tal-ġranet tal-Milied, imma kien ukoll għalihom mument ta' fidi fil-presenza ta' Ġesù fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

Wara l-quddiesa koncelebrata l-Aħwa ta' l-O.F.S. iltaqgħu fis-Sala taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ biswit il-knisja fejn kellhom laqgħa familjari flimkien mall-Assistenti Spiritwali tagħhom. Waqt din il-laqgħa l-President tal-Kunsill is-Sur Pawlu Degabriele ppreżenta 'cheque' lill-Assistent Provinċjali ta' l-O.F.S. Fr. Philip Cutajar bħala offerta f'isem l-Aħwa kollha b'riżq il-bini tal-knisja l-ġdida fix-Xemxija.



Il-President tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-O.F.S., is-sur Pawlu Degabriele qed jippreżenta c-'cheque' lill-Ass. Prov. Fr. Philip Cutajar fil-presenza ta' Fr Anton Manpolao, Vig. Prov.¶




Il-Mument tal-Konsagrazzjoni waqt il-Koncelebrazzjoni li saret fl okkażjoni ta' l-Epifanija għall-membri ta' l-O.F.S.



Parti mill-komunità ta' l-O.F.S. li attendiet għal-laqgħa tagħom li saret nhar l-4 ta' Jannar 1990

"Dak l-iben wisq għażiż għalija"

(Kard. Guglielmo Massaja)



Arkanġlu Azzopardi
OFMCap

Silvio Pellico u l-Konfessuri Tiegħu

Il-konfessur, li mhuwiex "automatic machine" ta' assoluzzjonijiet, igawdi awtorità ndiskussa fuq il-penitent tiegħu. Barra li jerga' jgħaqqad il-bniedem ma' Alla, ma' bnedmin bħalu u miegħu nnifsu stess, jista' jqajjem, saħansitra, fil-penitent ħila, motivazzjoni, sabiex tinkiteb biċċa xogħol letterarja, li tibqa' tissemma mad-dinja kollha.

Dan huwa li ġara lil Silvio Pellico, li ta' lid-dinja "Le mie prigioni", il-kapulavur tiegħu.

Impressjoni ta' Kapuċċin fil-Ħabs

Malli ħareġ mill-ħabs, fl-1 ta' Awissu 1830, huwa mar għand il-familja tiegħu, f'Torin. Kien kellha suspetti fuqu. Min naħa l oħra, il-liberali kienu jħarsu lejh mill-bogħod għax kienu jarawh hekk ta' rasu fl-idejat tiegħu.

Huwa jerġa' jibda jġarrab dawk l-inkubi ta' bil-lejl (bħal piż li wieħed iħoss fuqu, fir-rqad), u jerġa' jibda jbati bl-attakki ta' l-użma. Anki x-xogħol tal-kitba tal-letteratura, daqshekk produttiv fi żmien meta nkitbu "Francesca da Rimini" u l-"Conciliatore", naqset iżjed mill-istess vini tal-polz tiegħu.

Ta' kuljum kien iħossu jkaxkar riġlejh li sfaw sofferenti, effett ta' dik il-katina li kellu marbuta magħhom għal tmien snin sħaħ. Din il-ħaġa kien jinnotaha waqt li kien jitlaq lejn il-knisja, biex jerġa' jqajjem fih l-istess sentimenti spiritwali ta' meta kien Spielberg (fil-ħabs) fejn, kif qal huwa stess, "kien jiġi jqaddsilna l-quddiesa patri Kapuċċin. Dan ir-raġel twajjeb kien jispiċċa dejjem ir-rit tal-quddiesa

Kien l-14 ta' Settembru ta' wara. Wasal hemm bħal wieħed li kien għadu kemm ħareġ mill-qabar, mgħasses mill-pulizija ta' Piemonte li



b'talba li fiha kien jitlob għall-ħelsien tagħna mill-ktajjen, u leħnu kien iqanqalna. Meta kien jerġa' lura mill-artal, kien jitfa' ħarsa ta' ħniena fuq kull wieħed mit-tliet gruppi, filwaqt li kien ibaxxi rasu b'dispjaċir f'qalbu, huwa u jitlob" (Le mie prigioni, Kap. 80).

Fl-ewwel ġranet ta' Novembru 1832, l-editur Giuseppe Bocca ta' Torin, ippubblika "Le mie prigioni" ktieb għani b'sentimenti ta' patrijottiżmu u ta' mħabba umana, imma, fuq kollox, mimli b'reliġjosità sinċiera, imxappa fi ħlewwa nisranija u f'maħfra ġeneruża, li tintreħa għal kollox għal ħsibijiet moħbija u misterjużi tal-Providenza ta' Alla.

Is-suċċess kbir li kiseb il-ktieb għaġġeb lill-istess awtur, Silvio Pellico. Il-ktieb qanqal ġenerazzjonijiet sħaħ u kien kaġun ta' ħafna konverżjonijiet għall-fidi kattolika. Huwa nħataf f'kemm ili ngħidlek u fi ħmistax-il ġurnata, l-ewwel edizzjoni spiċċat. L-opra qasmet l-Alpi. Maqluba bl-ilsna kollha, allarmat lill-istess Kanċillier setgħani ta' l-Awstrija, il-konti ta' Metternich li saħansitra talab lis-Santu Uffiċċju sabiex jipprojbixxi l-qari ta' dan il-ktieb mitqlu deheb, billi jniżżlu fl-Indiċi mal-kotba pprojbiti. Imma ma għamel xejn. Kienet għalih "ġlieda mitlufa". Fl-istess waqt, il-ktieb kienu jixtruh u jaqrawh b'ħerqa kbira bdiewa li jiżirgħu l-qoton, misruqa u maħluba fl-Amerika t'Isfel u dawk li kienu kaxkruhom lejn is-Siberja.

Min ma jiftakarx lill-ħabsija Maddalena tal-ħabs ta' Santa Margerrta, f'Milan; lil Zanze tal-Piombi ta' Venezja li tant kienet tenera u tgħin lil Schiller, il-kalzrier ta' Spielberg, fonġla kemm trid imma, fl-istess ħin, kapaċi jagħmel il-ġid; lil Piero Maroncelli li, meta kien ikun mifluġ bl-uġiegħ, kien ikanta u joffri warda lill-barbier-kirurgu, wara li dan qatgħalu saqajh ix-xellugija?

Ftit jafu li l-abbozz ta' dak il-ktieb



Silvio Pellico ma jinsa' qatt lil P. Guglielmo Massaja, minkejja li bħala Isqof mar jippriedka lil Galla f'Etjopja ta' Fuq

saret bis-saħħa ta' konfessuri li kellu Silvio Pellico: ix-xwejjaħ abbati Giovanni Battista Giordano, kappillan tal-knisja ta' Santu Rokku, f'Torin, "bniedem mimli bil-għerf u l-qdusija", li rnexxielu jxejjen il-bruda ta' Pellico u jġiegħlu jwarrab fil-ġenb dawk l-inċertezzi, li tnisslu fih minħabba l-kritika li saritlu minn sħabu stess. Sentejn wara, ġiegħlu jistampa trattat ċkejken ta' morali, li jġib l-isem "l-doveri degli uomini".

Imħabbtu lejn il-qrar

Fl-iżolament disuman fil-fortizza tal-Moravja, Silvio tgħallem japprezza u jersaq lejn is-sagrament tal-qrar li wara tant għaqqdu mal-bnedmin. Hekk jikteb: "Ah! Miskin min ma jagħrafx il-kobor tal-qrar! Miskin min, biex ma jidhirx baxx, jemmen li huwa obbligat iħares lejn il-qrar b'disprezz! Mhux veru li, għax kulħadd diġa jaf li jeħtieġ li jkun twajjeb, allura, huwa inutli li din il-ħaġa jrid jismagħha minn għand il-konfessur fil-qrar. Mhux veru li biżżejjed ir-riflessjonijiet li wieħed jagħmel waħdu u li jaqra ħwejjeġ f'waqthom. Le, il-kelma ħajja ta' bniedem għandha qawwa li la l-qari u lanqas ir-riflessjoni ma għandom! Irruħ tiċċaqlaq fil-qrar; u l-effetti li jsiru f'dan is-sagrament huma wisq iżjed profondi. F'ħuk li jkellmek (fil-qrar) hemm ċerta ħajja u opportunità li ħafna drabi għal-xejn infittxuhom fil kotba u fi ħsibijietna" (Le mie prigioni Kap. 78).

Fiż-żmien qasir li qatta' fil-ħabs ta' Spielbergh juru ruħhom ħames konfessuri li biddlu 'l xulxin biex isabbru lill-priġunier Pellico: il-qassis Sturm, meta Silvio kien sejjer lura fil-marda tiegħu, f'Jannar 1823; l-Agostinjan Patri Giovanni Battista Vorthey, "anġlu ta' karità", u sudditu u kollaboratur ta' Patri Giovanni Gregorju Mendel, Agostinjan huwa wkoll, li sab il-liġijiet dwar l-eredità fl-istudju

tiegħu fuq il-pizelli; l-abbati Stiefnu Paulovich-Lucich li kien mid-Dalmazja u li wara sar isqof ta' Cattaro; u tnejn oħra: Wrba, professur tat-Testment il-Ġdid, fi Brünn, u l-għaref u rrispettat viċi-kurat Ziak. Il-ħlusija mill-ħabs Silvio jafha lir-relazzjonijiet favorevoli li kellu ma' dawn is-saċerdoti u reliġjużi.

Pellico u l-Massaja

Meta Silvio Pellico laħaq segretarju tal-biblioteka tas-sinjuruna markiża ta' Barolo, Gulja Colbert de Maulévrier, huwa reħa ruħu f'idejn il-wisq magħruf Kapuċċin, Patri Guglielmo Massaja dà Piovà, li kien jgħallem it-Teoloġija u l-Filosofija fil-kunvent ta' Moncanieri-Testona, mhux il bogħod minn Villa Giulietta, fejn din in-nobbli u s-segretarju tagħha kienu jgħammru f'ċerti żminijiet matul is-sena. Biex iħallas dejnu, il-poeta reħa f'idejn il-patri spiritwali l-'musa' tiegħu (is-sengħa li jikteb il-poeżija), u kiteb għanja ta' tifħir biex iqim lil Santa Vittorja, li ġiet meħuda mill-katakombi ta' Santa Prixxilla għall-knisja tal-patrijiet Kapuċċini, f'Testona, fil-10 ta' Settembru 1843. Wara wassal lil-markiża biex tqim lill-martri rumana.

Pellico qatt u qatt ma nesa lill-patri Guglielmo Massaja, lanqas meta l-Kapuċċin laħaq monsinjur u telaq, bħala missjunarju, qalb in-nies ta' Galla, fl-Etjopja ta' Fuq. F'Lagamara, fl-1854, bagħatlu, permezz ta' l-esekutur tat-testment tiegħu, legat (somma flus), bħala l-aħħar tifkira, biex igħin lil dik il-missjoni mbiegħda.

Minn naħa tiegħu, il-missjunarju erojku dejjem baqa' jiftakar l-iben spiritwali tiegħu, li kien taz-zokkor. Fl-ittra li kiteb biex jirrispondi lil Duminku Seghetti (Ruma, 26 ta' Dicembru 1880), jikteb hekk: "Inti, imbagħad, fost il-persuni l-iżjed distinti li niftakar, kollha kemm huma egħżież għalija, titkellem miegħi fuq Silvio Pellico, l-iben spiritwali wisq għażiż għalija; dan kien tassew xempju li għaraf id-dinja u kellu l-ħila jgħaffiġha taħt saqajh fil-ħin biex itir lejn is-sema".

Il-Kard. Massaja ma waqafx hawnhekk biss, huwa u jitkellem mill-ħabib tiegħu Silvio Pellico. Fost l-aħħar kitbiet tiegħu, meta kellu tmenin sena, jiġifieri, fl-istess sena ta' mewtu (f'San Giorgio, fi Cremano, fis-6 ta' Awissu 1889), hemm ittra ddedikata esklusivament għal Pellico. Din l-ittra ġiet misjuba minn Giovanni Battista Ghirlandi.

Dan ippubblika numru speċjali biex ifakkar egħluq il-mitt sena mit-twelid tal-kittieb u patrijotta Taljan. Il-Massaja jikteb hekk: "Smajt kemm-il darba il-qrara ta' Silvio Pellico, u qatt ma nsejt il-virtujiet u l-kwalitajiet sbieħ li kienu jżejnu dik ir-ruħ sinċerament kattolika.

"Fis-sejħa għall-ħidma ta' l-appostolat kienu għalija ta' saħħa t-twissijiet u l-kuraġġ li kien jagħmilli. O! Wara l-prova tal-ħabs huwa kien ukoll appostlu bl-eżempju ta' ħajtu u b'kitbietu. U jekk qabel ma miet ftakar fija, fqajjar missjunarju tan-nies ta' Galla, billi ħallieli somma żgħira ta' flus, jiena nibqa' niftakar dak l-iben għażiż fit-talb tiegħi".

Għalhekk iż-żewġ ġrajjiet li tlaqqgħu flimkien - egħluq il-mitt sena mit-twelid ta' Silvio Pellico u egħluq il-mitt sena mill-mewt tal-Kard. Massaja - ifakkru f'ħin wieħed żewġ persuni kbar ħafna, marbutin flimkien bi ħbiberija intima u li kważi għaddew mill-istess xorti: il-priġunier ta' qalb ħelwa ta' l-Imperatur Franġisku ta' l-Awstrija, fil-fortizza ta' Spielberg u l-qalbieni priġunier tan-negus-neghesti (imperatur) Teodoru II ta' l-Abissinja fuq il-muntanja ta' Derek-Uanz. ■

"Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem"


(S. Franġisk t'Assisi)

Nhar l-ewwel ta' Jannar 1990, aħna bdejna s-sena u missieri, Carmelo Buttiġieġ, beda s-sema fl-età ta' 74 sena.

Ma segħtax jitwieled għas-sema f'jum isbaħ meta l-Knisja kienet tiċċelebra bil-ferħ kollu t-twelid tal-Feddej, mhux biss, imma wkoll għax f'dan l-ewwel jum tas-sena jiġi ċċelebrat Jum il-Paċi u missieri kien bniedem ta' paċi kbira, ta' karattru kwiet, kalm u ferrieħi.

Hallielna paċi kbira għall-vojt kbir li ħalla, mhux tant fid-dar, daqskemm fil-ħajja tal-familja tagħna.

It-tifkira tiegħu tnissel f'qalbna certa dieqa minħabba fil-firda, imma iġġib ukoll tbissima ferrieħa fuq xofftejna. Ommi, jien u ħuti irridu nirringrazzjaw lil Alla ta' missieri, kif ukoll lis-saċerdoti li ikkonċelebraw miegħi l-Ewkaristija, u lil kull min b'xi mod jew ieħor kien viċin tagħna f'dan il-mument.



Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem

Fr. Joe Buttiġieġ OFMCap

Is-sehem tal-Kapuċċini fil-ħajja spiritwali u kulturali Maltija

Eku tat-Tifkira ta' egħluq l-400 sena tal-Kapuċċini f'Malta(1588 - 1988) - [6]



Assunta Bonniċi

Il-mixja tad-destin

Bħala nfermiera nkarigata, Mary kienet obbligata li twassal il-pazjent f'postu. Miexja wara l-istreċer bil-karta tat-tabib f'idejha, Mary daħlet fis-sala fejn il-pazjent kellu joqgħod. Hija u dieħla 'l ġewwa fis-sala, Mary semgħet min isejħilha b'isimha. Mary f'dak l-isptar ma kienet taf lil ħadd u għalhekk kollha skantata dawret wiċċa. Hija kif ħarset lura tilmaħ żagħżugħ b'daħru poġġut ma' l-imħaded ixejrilha u jitbissmilha. Għall-ewwel Mary ma għarfitux u baqgħet tħares ċassa lejh. Hija lil-Victor kemm kien ilu fil-kunvent ma kienet ratu qatt. Fl-aħħar, Mary għarfitu lil dak iż-żagħżugħ. Kien Victor u bħal xokk elettriku, qalbha bdiet tħabbat qawwi, saret ħamra u filwaqt li tbissmet, għamlitlu sinjal li terġa' tgħaddi.

Mary kompliet taqdi dmira u kif fdat il-pazjent f'idejn l-infermiera tiegħu ta' dik is-sala, Mary telqet għal ħdejn Victor. Huwa kien qiegħed jistenniha ġejja ħdejh biex tkellmu. Kien Victor li beda u għalhekk qalilha: *"Mela inti 'nurse' Mary? Ġorġ qatt ma qalli xejn!" "U int ma tafx x'natural għandu!"* Kompliet Mary. *"Lanqas li inti tinsab l-isptar ma qal! Insomm, xi ġralek Victor, emm skużi, Bro. Raymond?" "Għedtli sewwa",* wieġeb Victor. Imma Mary bil-fixla lanqas fhemet.

Victor qagħad jispjegalha il-ħass ħażin li kien taħ quddiem l-istudenti sħabu u kif sab ruħu l-isptar. Mary qagħdet tisma', imma riedet tmur għax kienet servizz u għalhekk fl-aħħar qaltlu: "Jiddispjaċini għal li ġralek u issa qabel tfiq għal kollox tgħaġġilx blex tmur il-kunvent." Victor għall-kelma kunvent beda jibki u qalilha: *"Mary, il-kunvent spiċċa għalija issa! It-tobba taw il-verdett tagħhom li għall-istudju m'hiniex kapaċi għax li ġrali konsegwenza tiegħu."*

Mary qagħdet tisma' skantata għax għalkemm ma ħadithiex bi kbira li ħareġ daqs meta daħal, imma lanqas xtaqitulu dak li rreferiet u għalhekk qaltlu, filwaqt li bdiet issabbru: *"Victor, teħodhiex bi kbira. Sinjal li ma kinitx il-voluntà tas-Sema." Mary* issa qalbha ħassitha ħfiefet u il-ħsibijiet ta' l-imgħoddi reġgħu tfaċċaw għaliha. Hija ħassitha kuntenta, mhux għax Victor ħareġ minn patri, imma għax ma kinitx ħatja ta' dak li ġara.

Mary lil Victor bdiet iċċempillu kuljum u ġieli marret tagħmillu viżta. Hija, bħala nfermiera, li issa drat il-mard, lil Victor bdiet tistaqsieh x'kura qed jagħmlulu u jekk kienet tkun taf li hemm xi ħaġa aħjar kienet isseffaq wiċċa mat-tabib u takkwistahilu.

Victor ħareġ mill-isptar tajjeb ħafna u kellu obbligazzjoni kbira lejn Mary għal dak li għamlet miegħu. Hu ta' żagħżugħ edukat, kien jirrispettha. Mary mill-banda l-oħra, għall-imħabba li kellha lejh, ma baqgħetx lura. U għalhekk ir-rispett ta' Victor lejn Mary, f'qasir żmien imbidel f'imħabba. Mary u Victor kienu jinħabbu b'imħabba sinċiera. Darba Mary, biex tiċċajta, staqsiet lil Victor: *"Mela inti kuntent issa aktar minn meta dħalt patri?"* U Victor weġibha: *"Issa ninsab kuntent, imma l-hena li ħassejt meta dħalt patri ma ninsiha qatt!"* Mary weġbitu: *"U jiena d-dwejjaq u n-niket li ħassejt dak inhar ma ninsihom qatt!"* Victor fhemha u weġibha jitbissem: *"Mela għalhekk ma ġejtx tarani ma' ħuk fil-festa!": "Iva, Victor, għax jiena kont ġà nħobbok!"* Victor, xħin ħares lejn Mary, tbissem u qalilha: *"Mela kollu veru li jgħidu li d-destin jimxi waħdu! Cioè imexxieh Alla."*


Mary bdiet tidħaq u wara ftit taż-żmien hija u Victor iżżewġu. Ġorġ, issa moħħu mistrieħ għax ommu qiegħda m'oħtu. Kollu kuntent telaq biex jimla' l-vojt li ħalla Victor. ■

Tagħrif Ġenerali

L-Islam

Twemmin u Prattika

P. Joseph Ellul O.P.



L-Islam hija r-reliġjon mxandra minn Mawmettu (jew Muħammad), fl-Għarabja, fil-bidu tas-seklu VII w.K. Kull min iħaddan dan it-twemmin jissejjaħ musulman jew mislem.

Il-kelma Islam tfisser *'sotto-missjoni għar-rieda ta' Allah'* u għalhekk il-musulman huwa dak li jissottometti ruħu għar-rieda ta' Alla u jqis ruħu bħala qaddej ta' Alla. L-Islam hija t-tieni l-akbar reliġjon fid-dinja. Il-medda tagħha tinfirex mill-Afrika ta' Fuq u l-Afrilka Ċentrali sa l-Indonezja u l-Filippini. L-Islam qed jinbed ukoll fl-Ewropa. Fi Franza t-tieni l-akbar reliġjon, wara dik nisranija Kattolika hija Islam. Illum il-ġurnata huwa kkalkulat li hawn madwar 750,000,000 musulman fid-dinja.

It-twemmin tal-musulmani

It-twemmin musulman huwa bbażat fuq sitt prinċipji li huma:

❑ *Allah* - iġifieri twemmin f'Alla wieħed, uniku, etern u assolut u ma

allat oħra msieħba miegħu. Dan Alla għandu isem proprju tiegħu: **Allah**, li la huwa mwieled u lanqas jiled. Allah huwa wieħed.


❑ **L-Anġli** - Il-musulmani jemmnu wkoll fl-Anġli. Id-dmirijiet ewlenin ta' dawn l-esseri huma lijaduraw lill Alla u li jservu ta' ħabbara u messaġġiera bejn Alla u l-bnedmin.

❑ **Il-Profeti** - Il-musulmani jemmu wkoll li Alla bagħat messaġġi lill-bnedmin permezz tal-profeti; fost l-aktar importanti nsibu lil Adam (*il-vigarju ta' Alla*), Noe (*il-predikatur ta' Alla*), Abraham (*il-Habib ta' Alla*), Mosè *(il-kelliemi ta' Alla*),Ġesù (*il-Kelma ta' Alla*), u Muħammad (*il-messaġġier ta' Alla*). L-ewwel profeta kien Adam u l-aħħar wieħed kien Muħammad, li jissejjaħ mill-musulmani: '*Is-Siġill tal-Profeti*'.

❑ **Il-kotba** - Il-musulmani jemmnu li Alla rrivela diversi messaġġi lill-bnedminn permezz tal-profeti. Alla ta l-LIĠI (*Tawrah*) lil Mosè, is-SALMI (*Żabur*) lil David, u l-VANĠELU *(Inġil*) il Ġesù. Il-musulmani jemmnu li dawn il-kotba huma rrivelati, iżda huma jgħidu li maż-żmien kien hemm xi whudli għawġu l-kliem ta' dawn il-kotba biex ixandru duttrina falza, ezempju, il-kliem tal-Vanġelu ġie mgħawweġ u mibdul mid-dixxipli ta' Ġesù biex jgħallmu li hu kien l-Iben ta' Alla. Minħabba dan it-tgħawwiġ tal-verità, Alla bagħat il-Qur'an lil Muħammad bħala l-edizzjoni finali ta' l-Iskrittura.

❑ **L-Aħħar Jum** - Il-musulmani jemmnu fl-aħħar jum meta l-mejtin kollha jqumu sabiex jiġu ġġudikati dwar dak kollu li għamlu f'ħajjithom. Jekk f'ħajjithom għamlu l-ġid, huma jmorru l-Ġenna (*al-Ġennah*) u jekk għamlu l-ħażin imorru l-infern (*al-Ġahannah*).

❑ **Id-Destin** - Il-musulmani jemmnu wkoll li Alla huwa sultan assolut il jżomm wieqaf l-univers kollu. Huwa jagħraf kollox u jaf kull ħaġa li ssir fis-smewwiet u fl-art. Hawnhekk tiġi problema kbira: '*Il-bniedem għandu libertà?*' Diversi skejjel musulmani jagħtu interpretazzjoni differenti dwar id-destin tal-bniedem u s'issa ma hemmx soluzzjoni aċċettabbli minn kulħadd. Hija kwestjoni miftuħa.



Espressjoni tal-Twemmin Musulman

Waħda mill-aspetti ta' l-Islam hija d-dimensjoni komunitarja, iġifieri, l-idea li l-musulmani huma lkoll aħwa u għandhom kap wieħed: *Alla.* Din l-idea turi ruħha permezz ta' ritwali u dawn jissejħu '*Il-pilastri ta' l-Islam*'. Dawn il-pilastri huma ħamsa:

Il-Kredu, it-Talb, is-Sawm, it-Taxxa u l-Pellegrinaġġ.

❑ ***Il-Kredu*** - (*ax-xahadah*): tfisser l-għarfien ta' l-eżistenza ta' Alla Wieħed u ta' Muħammad bħala l-messaġġier ta' Alla: *"Ma hemmx alla ħlief Allaħ, Muħammad (huwa) l-messaġġier ta' Allah."* Din l-istqarrija , il-musulmani jsejħulha XAHADAH, bil-Malti: 'xhieda', 'tagħti xhieda'. Din lx-xhieda trid tiġi mistqarra bil-fomm u fil-pubbliku. Mhux biżżejjed li wieħed igħidha f'qalbu. Il-musulman huwa fid-dmir li jfassal ħajtu madwar din l-istqarrija. B'din ix-xhieda l-musulman jagħraf l-eżistenza ta' esseri divin li jismu ALLAH, li huwa biss għandu l-essenza u l-eżistenza tad-divinità. Bħala formula din ma tinstabx fil-Qur'an, iżda fit-tradizzjoni (*ħadit*). Hija tinqasam f'żewġ partijiet li huma inseparabbli u indispensabbli. L-ewwel parti tirreferi għal Alla u t-tieni tirreferi għal Muħammad. Din il-formula tgħin lill-Islam biex jiddefendi ruħu kontra kull idolatrija u apostasija. Ma hemmx alla ħlif Allah. Alla ma jista' jkun xejn għajr Alla, iġifieri, ma jistax isir bniedem, għax tkun qed tqiegħed limitu fuqu. Din iddikjarazzjoni ssir biex jiġi msaħħaħ l-għarfien ta' Alla wieħed. Dan l-għarfien jissejjaħ TAHWID. Muħammad huwa l-messaġġier ta' Alla. Huwa ġie mogħti din il-missjoni minn Alla nnifsu. Minn dawn iż-żewġ partijiet toħroġ l-idea musulmana tal-bniedem. Il-bniedem huwa l-qaddej u Alla huwa s-Sid. Bħalma l-qaddej jissottometti ruħu għar-rieda ta' sidu, hekk ukoll il-musulman jissottometti ruħu għar-rieda ta' Alla. Din il-formula tingħad speċjalment waqt it-twelid ta' tarbija kif ukoll fis-siegħa tal-mewt. Tingħad ukoll fis-sejħa għat-talb kif ukoll waqt it-talb.

(ikompli . . .)

